

31990D0420

17.8.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 222/49

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-25 ta' Lulju 1990****fuq il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' Di(2-ethylhexyl)phthalate skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE**

(90/420/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 79/831/KEE ⁽²⁾ u, partikolarment, l-Artikolu 23 tagħha,

Billi r-Renju tad-Danimarka fit-13 ta' Awissu 1987 informa lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jstabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi fuq it-tqiegħid fis-suq ta' 23 sustanza b'referenza għall-Artikolu 23 tad-Direttiva 67/548/KEE fuq il-bażi li dawn is-sustanzi mhumiex klassifikati u tikkettjati kif suppost u għalhekk jippreżentaw riskju serju ta' periklu għas-saħħa;

Billi l-Kummissjoni kkonsultat ma' l-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23;

Billi l-Kummissjoni eżaminat l-evidenza għall-kanċeroġeniċità tad-di(2-ethylhexyl)phthalate, u kkonsultat l-esperti xierqa maħtura mill-Istati Membri u li għandhom kwalifiki speċjali fir-rigward ta' kemm il-kanċeroġeniċità, il-mutaġeniċità u t-teratoġeniċità;

Billi l-parir tal-maġġoranza ta' esperti kien li l-evidenza fil-preżent mhix adegwata biex tiġġustifika l-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' din is-sustanza bħala kancerogenu jew irritant,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Di(2-ethylhexyl)phthalate m'għandux ikun klassifikat jew ittikettjat bħala sustanza kancerogena jew irritanti.

L-Artikolu 2

Ir-Renju tad-Danimarka għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex iħares din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1991

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1990.

Għall-Kummissjoni

Carlo RIPA DI MEANA

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 10.